# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru erbgħa (4) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 12 ta' Marzu 2014, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsilliera qablu li għanda tintbgħat emajl lil MTA biex il-Kunsill juri li ma jaqbilx mal-użu tal-materjal illi se juzaw l-MTA fil-proġett tal-Ħlantun. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil issuġġerixxa li ssir laqgħa ma raprezentanti tal-Ministeru tat-Turiżmu. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi m'hemmx għalfejn ngħidu li l-Kunsill għandu oġġeżjoni illi hemm Żrieraq qegħdin involuti fil-proġett għaliex ħadd m'għandu d-dritt biex jilgħab bil-konfini [ref punt 3.3]

3.2 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi xi proposti li kienu msemmijin fl-aħħar laqgħa ma kinux imnizlin f'punt 3.4 tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-istess punti kienu msemmijin fil-laqgħa ta' qabel [punt 3.9] u kien hemm referenza għalihom fil-punti tal-Minuti. Qal illi

dawn ma kinux imnizzlin għax kienu diġa ntqalu fil-Punti għal xiex kien qed jagħmel referenza għalihom. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna nibagħtu emajl liċ-Chairman ta' Transport Malta meta s-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċeviex risposta għall-emajl tiegħu lil TM rigward l-isleeping policeman ta' triq Ta' Ġawħar. Qal ukoll illi għandna nagħfsu fuq dan [punt nru.7 tal-Aġenda].

3.3 Is-Sindku qal illi kien ta l-isem tal-avukat illi kien se jaqbad għar-riċerka meta l-Kunsill kien nieqes mill-ħaddiema tal-IPSL. Qal illi l-kunsilliera kienu qablu li juza s-servizzi tal-avukat Pietru Pawl Zammit. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi qatt ma qabel mal-appuntament ta' dan l-avukat, waqt illi l-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk instab xi provi fil-Minuti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ċekkja l-Minuti ta' 2012 u ma sab xejn izda qal illi jista jkun illi ntqal dan id-diskors f'2013. Is-Sindku qal illi jekk ma jkunx hemm qbil fil-Kunsill hu lest iħallas l-ammont dovut [€1020]. L-ebda kunsillier m'aċċetta li jħallas hu izda l-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla qalu li jixtiequ l-provi għal dak illi qed jgħid is-Sindku. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kien jaf, u aċċetta, li s-Sindku għandu jieħu parir legali, izda ma semma bl-ebda avukat partikolari. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi l-Kunsill kien magħruf b'isem u kien hemm qbil illi l-Kunsill għandu jħallas. Qal ukoll illi l-isem tal-avukat huwa rrelevanti. Is-Sindku fakkar lil kunsilliera li ried jaħdem bl-avukat Franco Debono peress li dejjem ħdimna bih, u qal illi kien il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil li ma riedx u issuġġerixxa avukat li lilu telfitu kawża. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi oġġeżjona għaliex qatt ma rċieva update [kien qabel illi s-Sindku jieħu parir legali] waqt illi l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ma kellux go-ahead biex itella dak l-ammont għas-servizz. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi s-Sindku mar f'isem il-Kunsill u għalhekk għandna nħallsu. Il-kunsillier Publius Abdilla reġa qal illi l-problema hija li ma kellhomx informazzjoni fuq il-kaz.
Is-Sindku qal illi saret ħafna riċerka li kien instrumentali fil-kaz tagħna kontra l-IPSL.
Il-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla qalu li għandna nagħmlu talba biex l-avukat inaqqas naqra mill-ammont. Is-Sindku qal illi se jipprova jagħmel hekk. Deċizjoni finali ttieħdet ftit wara u dan se jkun dokumentat fil-parti tal-Payment Approval Sheet.

3.4 Il-Viċi Sindku Johan Mula fakkar li hemm bozza maqtugħa [punt 8.5] f'triq il-Karwija. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur jiġi meta hemm talba għal numru ta' bozoz fl-area u għalhekk ma saritx s'issa. Fakkar illi nħalsu għal kull call u għal kull bozza.

## 4. Korrespondenza

4.1 Il-Kunsill irċieva ittra mis-sinjura Josephine Zammit fejn għamlet talba biex isir double yellow line f'Żurrieq Road peress illi n-naħa l-oħra tat-triq qegħdin jipparkjaw karrozzi u hi għanda diffikulta biex toħroġ mill-garaxx. Il-kunsilliera qalu li hemm min għandu l-istess 'problema' izda qatt ma lmentaw. Il-kunsillier Carlo Stivala ta l-parir illi nibagħtu lil TM biex huma jgħidulna jekk huwiex neċċessarju li nagħmlu dawn il-linji, izda l-kunsilliera l-oħra ma rawx illi hemm problema hemm u li se jikkonsidraw din l-azzjoni biss jekk il-Kunsill jirċievi lmenti oħrajn rigward dan il-kaz.

4.2 Il-kunsilliera qablu li l-Kunsill jagħti ktieb bħala Premju lil student/a mir-raħal li pparteċipa f'kompetizzjoni tax-xjenza. Il-premju se jingħata fit-12 t'April.

4.3 Is-sur Joseph Zammit, kuntrattur tal-iskart, kiteb biex javza lil Kunsill illi se jidħol f'partnership mas-sur Spiridione Zammit. Qal illi bl-ebda mod se jaffetwa l-kuntratt tagħna. Il-Kunsill ma sab l-ebda problema mal-proposta.

4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-Reġjun Nofsinhar jixtieq jagħmel laqgħa t'informazzjoni rigward il-Parlament Ewropew fis-sala tal-Kunsill fl-24 ta' Marzu. Il-Kunsill aċċetta din it-talba. Il-Kunsill qabel illi r-Reġjun tagħmel uzu tas-sala bla ħlas.

4.5 Se jkun hemm seminar tal-MCA fis-sala tal-Kunsill rigward l-uzu tal-Internet. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jagħmel talba biex din is-seminar isir wara l-festi ta' Jum Ħal Safi [bejn l-aħħar t'April u l-bidu ta' Mejju].

## 5. Approvazzjoni tal-pagamenti/approvazzjoni tal-pagamenti tal-laqgħa preċedenti

5.1 Il-kunsillieri Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla ma qablux mal-ħlas ta' J.Sammut and Associates fil-PAS nru 2/2014 u għalhekk ma ffirmawx il-karta separata tal-iskeda ta' pagamenti tal-laqgħa preċedenti [ref punt 5].

5.2 Wara mistoqsija mill-kunsillier Publius Abdilla rigward il-ħlas dovut lil Mario Service Station, is-Sindku rrisponda li l-ħaddiema tal-Kunsill qegħdin juzaw il-karrozzi tagħhom għal xogħol tal-Kunsill u

qegħdin inħallsu għad-diesel, kemm għall-vetturi u għall-għodda bħal generator u mutur tal-ħaxix. Qal ukoll illi l-Kunsill mhux qed iħallas kull darba li jmorru għad-diesel, izda nħalsu dak illi huwa dovut wara ċertu ammont ta' zmien, u għalhekk l-ammonti jidru kbar.

5.3 Il-kunsilliera qablu mal-Payment Approval Sheet u ffirmaw l-Payment Approval Sheet.

**Fis-6.15pm il-kunsillier Publius Abdilla għamel talba biex ikun skuzat mil-laqgħa minħabba mpenji oħrajn personali. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv aċċettaw din it-talba u s-sur Abdilla ġie skuzat. B'hekk kien hemm 4 kunsilliera [quorum] għall-bqija tal-laqgħa.**

**6. Jum Ħal Safi**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta 'draft' tal-Program għall-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi 2014:

- Nhar il-Ħadd 6 t'April se jkun hemm Re-Enactment fil-Pjazza ta' Ħal Safi. Bħala parti mir-re-enactment ser ikun hemm l-ikel tradizjonali ta dik l-epoka. Il-Viċi Sindku żied illi r-re-enactment se tibda fil-11am, izda l-atturi se jkunu preżenti mill-10am.
- Nhar it-Tlieta 8 t'April se jkun hemm 'story-telling session' fl-iskola mill-10am-12pm. Żied illi l-Kunsill se jirċievi €1000 fondi mir-Reġjun Nofsinhar biex jintuzaw fl-inizjattiva favur il-qari fil-lokalita. Is-Sindku qal illi fl-istess ġurnata se niftħu l-wirja tal-artist George Large fil-foyer tas-Sala. Żied illi għall-wirja l-Kunsill se jkollu jħallas €200 + VAT biex nikru boards u €160 + VAT [Ammont kwotat kien ta' €120 u għalhekk dan għandu jiġi rivedut fil-laqgħa ta' Kunsill li jmiss] biex nikru d-dawl għall-attivita. Qal illi għandhom jiġu jarmaw nhar it-Tnejn 7 t'April u li membri tal-Kumitat Kulturali għandhom jkunu hemm biex jieħdu responsabilta tal-pitturi fil-ħinijiet tal-wirja.
- Nhar il-Ħamis 10 t'April se jkun hemm il-kompetizzjoni tal-inbid waqt il-"wine and pizza night" fis-sala tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jitlob kwotazzjoni mill-gruppi Tal-Fulklar u Ta' Verna li taw wirji tajbin f'attivitajiet preċedenti tal-Kunsill. Talab lil kunsillieri biex jgħidulu jekk jafu b'gruppi oħrajn li huma kapaċi jagħtu entertainment għas-serata. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil issuġerixxa grupp t'għannejja. Is-Segretarju Eżekuttv għandu jiġbor stima għas-servizz tagħhom.
- Nhar is-Sibt 12 t'April se jkun hemm Sports Day Tradizzjonali fil-grawnd tal-Kunsill. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm bzonn ta' 55 medalji [differenti mis-sena l-oħra], kif ukoll frott, drink u bar għal kull parteċipant. L-attivita se ssir bejn is-2pm u l-4pm.

- Nhar is-Sibt 12 t'April se jkun hemm is-serata tal-Premju Onoreficenza fis-sala tal-iskola Primarja. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi talab lis-sur Jonathan Sciberras u n-Novum Ensemble biex jibagħtu kwotazzjoni għall-attivita. Għal nofs siegħa s-sur Sciberras ikwota €155.25 [VAT inkluz]. Il-kunsillieri qalu li għandna nagħmlu talba lis-sur Mario Ciantar [vjolinist] li ġie jdoqq f'2013. Il-kunsillier Carlo Stivala ssuġerixxa li nixtru token lis-sur Warren Muscat tal-Agines A.F.C u s-sur Jonathan Balzan li rebaħ ħafna maratoni matul is-snin. Is-Sindku qal illi diġa ħaseb fuqhom, kif ukoll oħrajn bħas-sinjorina Cherise Attard u t-tfajla Federica Falzon, u li se jagħti token lil dawk kollha li kisbu suċċess, u dawk kollha li għenu l-Kunsill, tul dawn l-aħħar snin. Kien hemm qbil illi jinxtraw dawn it-tokens kollha [se jkun hemm 'il fuq minn 30]. Is-Sindku qal ukoll illi se nuzaw is-sound tas-sala.
- Il-Ħadd 13 t'April se jkun hemm riċeviment fis-sala tal-Kunsill. Is-Segretarju diġa rċieva 3 kwotazzjonijiet [James Caterers, Camilleri Caterers u Neriku] waqt illi qed jistenna għal 2 oħra. Il-kunsilliera qalu li ma sabu l-ebda oġġeżjoni mal-ebda kumpanija u għandna nuzaw is-servizz tal-irħas wieħed. Sal-ġurnata tal-laqgħa l-irħas wieħed kien James Caterers.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ipreżenta l-lista t'ismijiet għall-Bord tal-għażla tal-Premju Onoreficenza 2014. Dawn kienu s-sur Tarċisju Barbara, is-sur Paul Callus, is-sur Charles Fenech, is-sur Salvu Zammit, is-sur Ġiljan Bonello waqt illi bħala reserves sema lis-sur Edwin Abdilla u Dr. Mary Camilleri Cutajar. Il-kunsilliera qablu mal-lista.

**7. Green College Day**

7.1 Is-Sindku qal illi kull sena l-iskola tagħmel inizjattiva fejn iħawlu s-siġar. Is-Sindku qal illi hemm problema biex inħawlu s-siġar fir-raħal minħabba nuqqas ta' post addattat izda ssuġerixxa li ssir f'xi rokna fl-area tal-Ħlantun. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm post fl-area tal-Ħlantun [fejn iċ-Ċaqnu]. Is-Sindku qal illi għandna nsibu post fejn m'hemmx blatt għoli fejn ma jidħlux karrozzi. Il-Viċi Sindku Johan Mula ssuġġerixxa l-area fejn iċ-ċimiterju. Is-Sindku ma qabilx peress illi hemm ħafna siġar hemm.

**8. Ħwejjeġ Oħra**

8.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil talab update rigward il-bini tal-I.T Room. Is-Sindku qal illi x-xogħol ser jitkompla meta tisbieħ it-temp. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa jekk il-binja se tikkonsisti fuq żewġ kmamar. Is-Sindku rrisponda li iva u l-kunsillier tkompla billi ssuġerixxa li nagħmlu klinikk hemm u Safi A.F.C juzaw il-berġa bħala premises. Is-Sindku qal illi dan mhux se jkun possibli peress illi jkun hemm kompjuters fin-nofs. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil issuġerixxa wkoll illi nuzaw it-tieni kamra bħala klinikk. Is-Sindku qal illi dan mhux se jkun possibli għaliex ġejjin it-toilets fiha u rringrazzja lis-sur Busuttil għas-suġġerimenti.

8.2 Il-Viċi Sindku Johan Mula għamel talba biex nagħmlu tabelli "no parking" fil-Pjazza, u l-area ta' madwar, għal meta ssir re-enactment fid-29 ta' Marzu 2014. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn għandhom jitġoġġew fuq il-post jumejn jew tlett ijiem qabel. Il-Viċi Sindku għamel talba biex niftħu l-pompa tal-ilma dakinhar.

8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qed jimira biex il-laqgħa ġenerali tal-lokalita isir fit-23 t'April 2014. Se jkonferma din il-ġurnata sal-laqgħa li jmiss.

8.4 Il-Viċi Sindku Johan Mula staqsa jekk membri tal-Kumitati għandu rresqu offerti waqt il-quddiesa ta' Jum Ħal Safi. Ma kienx hemm qbil li dan isir.

**9. Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8pm.

9.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fl-4 t'April 2014 fil- 5pm wara li qablu bejniethom il-kunsilliera.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |